MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 264/2012

**AB**
**Vs.**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-27 ta’ Jannar 1985 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal u cioe’ : M, li llum ghandha erba u ghoxrin (24) sena u tahdem regolarment; N illum mizzewga; u O li ghad ghandu sbatax il-sena u jghix ma mart ir-rikorrenti;

Illi l-partijiet ilhom separati legalment b’kuntratt datat tnejn (2) ta’ Mejju 1996 fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia (Dok A);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn hmistax

(15) il-sena mifrudin, illum ir-rikorrenti ghandu rabta ma persuna ohra;

Illi ai termini tal-klawsola numru ghaxra (10) tal-kuntratt ta' separazzjoni il-manteniment ta' mart l-esponent m'ghadux dovut peress li hija ghandha impjieg full time. Fir-rigward tat-tifel minuri O il-manteniment ghadu jithallas regolarment u ma hemmx arretrati dovuti;

Illi il-fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqsekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-element taz-zmien traskors mid-data tas-separazzjoni konsenswali, esebita mar-rikors, jikkwalifka ovvjament ghat-talba maghmula skond l-Art 66A tal-Kodici Civili;
2. Illi dan pero' ghandu jkun bla ebda pregudizzju ghall-element tal-manteniment li hu sospiz sakemm l-esponenti tahdem jew izzommuha tahdem, kif ghandha l-intenzjoni li tibqa', u certament bla pregudizzju ghad-dritt ta' uzu u abitazzjoni tad-dar li kienet konjugali li jirrizulta mill-istess kuntratt;
3. Illi inoltre hemm il-minuri Kurt Meli li se jaghlaq 18-il sena, fit-30 ta' Lulju, 2012, u se jkompli fl-istudju tieghu fl-MCAST, u ghalhekk irid ikun hemm provvediment dwaru;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separti mit-2 ta' Mejju 1996;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata u illi huwa dejjem hallas manteniment fir-rigward tat-tifel minuri O;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------